21 ta' Jannar, 1949.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Joseph Axisa et. *versus* A.I.C. Joseph Zammit Bonett et. (*)

**Appell lill-Kumitat Gudizzjarju tal-Maestà tar-Re — Valur Inċert — Gurament — Sentenza — Sospensjoni ta' l-Eżekuzzjoni — Sect. 2 u 5 ta' l-Order in Council tal-1909.**

*Biex jiġi stabbilit il-valur appellabili għall-finijiet ta' talba biex isir appell lill-Kumitat Gudizzjarju tal-Maestà Tiegħu r-Re għandha titqies is-sentenza appellata kif taffetta l-interessi ta' min irid jappella minnha. Jekk dan il-valur huwa indeterminat u inċert, il-pratika hija illi l-Qorti toqgħod għad-dikjarazzjoni ta' dan il-valur bil-ġurament ta' min ikun irid jappella.*

*Meta s-sentenza appellata tkun ikkundannat lill-appellant għall-ħlas ta' flus għall-eżekuzzjoni ta' obligazzjoni, il-Qorti tista' meta tagħti l-permess għall-appell, tordna l-eżekuzzjoni jew is-sospensjoni tagħha skond ma jidhrilha. Jekk il-Qorti tordna l-eżekuzzjoni, l-appellant għandu qabel l-eżekuzzjoni jagħti garanzija tajba għall-eżekuzzjoni sewwa ta' l-Ordni tal-Maestà tar-Re fil-Kunsill; fil-każ invers, il-garanzja tiġi mogħtija mill-appellat.*

*Fil-każ id-domanda għas-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza, li kienet sentenza ta' żgumbrament, ġiet riġettata.*

Il-Qorti — Rat il-petizzjoni tal-konvenuti proprio et nomine, kif ukoll ta' l-imsejħin fil-kawża, fejn talbu illi din il-Qorti tagħtihom il-permess meħtieġ sabiex huma jagħmlu appell mis-sentenza illi din il-Qorti pprofferiet fil-kawża fuq imsemmija fid-29 ta' Novembru 1948 lill-Maestà Tiegħu r-Re fil-Kunsill Privat; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-oġġett tal-kawża kien l-iżgumbrament da parti ta'

(*) Permess finali għall-appell lill-Privy Council mogħti fit-3 ta' Ottubru, 1949.

l-appellanti mic-cinematografu "Axisa", f'tas-Sliema, peress illi għalaq iż-żmien tal-lokazzjoni, u għalhekk ir-restituzzjoni ta' dak il-lokal bl-avvjament u l-aċċessorji tiegħu. L-eċċezzjoni ta' l-appellanti kienet in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni da parti *tat-tribunali ordinarji peress illi l-oġġett tal-lokazzjoni* kien sempliċement il-"bare premises" tal-post in kwistjoni, mentri huma ssottomettew illi l-avvjament huwa u baqa' tagħhom. Il-kwistjoni allura neċessarjament ġiet impernjata fuq dan il-pont; u l-Ewwel Qorti bis-sentenza tagħha ta' l-4 ta' Mejju 1948 iddeċediet billi ċaħdet l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti u konsegwentement laqgħet it-talba għall-iżgumbrament, u għar-restituzzjoni taċ-ċinema in kwistjoni fi żmien 15-il ġurnata, u biex jagħtu lura lill-atturi l-oġġetti ndikati f'dik is-sentenza;

Tikkunsidra;

Illi peress minn din is-sentenza l-konvenuti u l-imsejħin fil-kawża għamlu appell quddiem din il-Qorti, dak l-appell ġie deċiż fid-29 ta' Novembru 1948, billi ġiet konfermata s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, u fost raġunijiet oħra ikkunsidrat ukoll "illi bl-ebda sforz ta' l-immaġinazzjoni ma jista' jingħad illi dan il-post, li ilu magħruf minn żmien tant twil bħala ċinematografu, u mbagħad ġie trasformat f'talkies, ma kellux avvjament. Veru huwa illi għal ċertu żmien, peress li kien hemm kawża bejn il-partijiet, il-Pulizija kienet għalqitu; iżda dana ma jfisserx illi kien intilef l-avvjament"; u mbagħad tat anki r-raġunijiet oħra biex waslet għall-konklużjoni illi l-avvjament mhux ta' l-appellanti, imma huwa inerenti f'dak il-kuntratt ta' lokazzjoni;

*Tikkunsidra;*

Illi minn dan jidher ċar illi quddiem din il-Qorti ma kienx hemm il-kwistjoni purament ta' kuntratt ta' lokazzjoni, iżda kien hemm ukoll il-kwistjoni li ħarġet mill-eċċezzjoni ta' l-appellanti, jekk dak l-avvjament kienx mal-kuntratt tal-lokazzjoni, u għalhekk ta' l-atturi, jew inkella huwiex ta' l-appellanti. Għalhekk hija inapplikabili d-dispożizzjoni ċitata mill-appellati, ta' l-artikolu 756 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Kif igħid il-Bentwick (Privy Council Practice — Second Edition, page 142), biex jiġi determinat "the proper measure

of value for determining the question", "that the judgment is to be looked at as it affects the interests of the party who is prejudiced by it and who seeks to relieve himself from it by appeal. Where an action for possession and mesne profits was dismissed, the appealable amount was the value of the property and the mesne profits (Mehideen Hadijar etc.). In some cases the value for the defendant of an adverse judgment is greater than the value laid by the plaintiff to his claim .If so, it would be unjust that he should be bound not by the value to himself, but by the value originally assigned to the subject matter of the action by his opponent ("Allen vs. Pratt")". Dan huwa preċiżament il-każ sotto eżami, għaliex għalkemm it-talba kienet ristretta għall-iżgumbrament, iżda per mezz ta' l-eċċezzjoni tal-konvenuti, ġiet il-kwistjoni, eżaminata mill-Ewwel Qorti u minn din il-Qorti, ta' min huwa l-avvjament ta' dak il-post;

Tikkunsidra;

Illi skond l-Ordni fil-Kunsill tas-sena 1909, sezzjoni 2 (a), hemm appell bid-dritt minn kull sentenza finali ta' din il-Qorti meta l-ħaġa li hemm appell fuqha hija ta' ammont jew ta' valur ta' £500 jew iżjed, jew jekk fil-ħaġa li hemm appell fuqha tkun tidħol direttament jew indirettament xi pretensjoni jew kwistjoni fuq jew dwar proprjetà jew dritt ċivil ta' ammont jew ta' valur ta' £500 jew iżjed. Għalhekk din id-dispożizzjoni hija applikabili, peress illi minħabba l-eċċezzjoni tal-konvenuti fil-kawża hemm kwistjoni fuq l-avvjament. Jekk imbagħad dak l-avvjament jiswiex il-lum £500 jew iżjed, għalkemm "prima facie" jidher ċar illi dak l-avvjament ta' "tal-kies" ġewwa tas-Sliema għandu jiswa iżjed minn £500, iżda jekk dak il-valur huwa nċert, allura huwa applikabili dak li rriteniet din il-Qorti bis-sentenza tagħha tas-7 ta' Novembru 1923 in re "Mifsud vs. Nicosia" (Kollez. Vol. XXV-I-650) u l-ġurisprudenza ċitata f'dik is-sentenza, illi ċjoè "trattandosi di quistioni di valore indeterminato ed incerto, è pratica di questa Corte pei fini dell'appello a S.M. in Consiglio Privato di stare alla dichiarazione dell'appellante per riguardo alla determinazione del valore dell'interesse in lite, come evincesi dalle decisioni di questa Corte del 25 febbraio 1874 in re "Terreni vs.

Rapinett" (Collez. Vol. VII, pag. 35), del 12 dicembre 1909 "Onor. Vella nomine vs. Apap" (Collez. Vol. XVII, p. 170), e del 10 aprile 1922 "Micallef vs. Gatt et."; la quale pratica sarebbe anche conforme a quanto trovasi disposto nell'articolo 768 delle Leggi di Organizzazione e Procedura Civile", ammenokkè ma jkunx jidher, skond il-fehma tal-Qorti, illi dan il-valur huwa manifestament taħt il-£500;

Tikkunsidra;

Illi fuq is-sospensjoni tas-sentenza ta' din il-Qorti, skond is-sezzjoni 5 ta' l-istess Order-in-Council, meta s-sentenza li minnha jsir appell tikkundanna lill-appellant għall-ħlas ta' flus jew għall-eżekuzzjoni ta' obbligu, il-Qorti tista', meta tagħti l-permess għall-appell, jew tordna l-eżekuzzjoni tas-sentenza jew is-sospensjoni tagħha, kif il-Qorti jkun jidhrilha sewwa; u jekk il-Qorti tordna l-eżekuzzjoni tas-sentenza l-appellat għandu, qabel l-eżekuzzjoni, jagħti garanzija illi fil-fehma tal-Qorti tkun tajba u biżżejjed għal eżekuzzjoni sewwa ta' l-Ordni tal-Maestà Tiegħu r-Re fil-Kunsill; u fil-każ invers, il-garanzija tiġi mogħtija mill-appellant. L-appellati ssottomettew illi dan id-dispost mhux applikabili, għaliex hawn ma hawnx ħlas ta' flus jew eżekuzzjoni ta' obligu, iżda aktarx rilaxx ta' post; imma meta l-Qorti tikkundanna lill-konvenut jiżgombra, dan ifisser illi huwa għandu jeżegwixxi obligazzjoni illi l-Qorti tkun iddeċediet kontra tiegħu eżistenti; u għalhekk dik is-sezzjoni hija applikabili;

Tikkunsidra;

Illi meħuda konsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, u tal-preġudizzju li jistgħu jsofru l-appellanti bl-eżekuzzjoni tas-sentenza, jew l-appellati per mezz tas-sospensjoni tagħha, meħuda anki konsiderazzjoni tal-fatt illi l-appellanti jippossjedu tas-Sliema lokali simili, il-Qorti tirritjeni illi l-preġudizzju jkun akbar jekk tiġi ordnata s-sospensjoni tas-sentenza;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tagħti ż-żmien ta' 20 ġurnata lill-appellanti biex jiddikjaraw taħt ġurament illi l-valur ta' l-avvjament tattalkies in kwistjoni huwa ta' £500 jew akbar; u fil-każ illi l-appellanti jkunu f'dak iż-żmien ħadu dak il-ġurament, tilqa' t-talba miġjuba fil-petizzjoni fuq imsemmija u tagħti lill-ap-

pellanti l-permess kondizzjonali biex jagħmlu appell mis-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Novembru 1948 lill-Maestà Tiegħu r-Re fil-Kunsill Privat Tiegħu, u tagħti żmien lill-appellanti ta' xahar, komputabili mill-ġurnata illi jkunu ħadu l-ġurament fuq lilhom impost, biex jagħtu l-malleverija stabbilita fis-sezzjoni 4 ta' l-Order-in-Council fuq imsemmi, u tiffissa għal dik il-malleverija s-somma ta' £400; u tagħti wkoll lill-appellanti ż-żmien ta' tliet xhur komputabili kif intqal iż-jed 'il fuq, biex ilestu l-preparazzjoni u t-trasmissjoni tal-proċess tal-kawża preżenti lill-Kumitat Ġudizzjarju skond dik is-sezzjoni. Fl-istess ħin tordna lill-appellati illi fi żmien 20 ġurnata, komputabili bħal fuq, huma għandhom jagħtu malleverija tajba peress illi s-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Novembru 1948 tkun tista tiġi eżegwita, konsistenti f'depożitu tas-somma ta' £100, u jobligaw ruħhom fl-attijiet ta' din il-Qorti, bl-ipoteka tal-beni tagħhom preżenti u futuri illi sakemm il-kawża tiġi deċiża mill-Kumitat Ġudizzjarju fuq imsemmi huma, kull sitt xhur b'lura, għandhom jiddepożitaw fin-National Bank of Malta s-somma tal-profitti ta' dak il-perijodu, bl-interessi, u dak id-depożitu jkun vinkolat sad-deċiżjoni finali ta' din il-kawża mill-Kumitat Ġudizzjarju;

L-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni jkunu riżervati għall-provvediment relativ għall-permess finali;

Fil-każ però, illi l-appellanti ma jeħdux dak il-ġurament fuq lilhom impost fiż-żmien prefiss, tiċħad it-talba kontenuta fil-petizzjoni fuq imsemmija, bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra l-appellanti.